MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 950/2008

**Joyce Grech ID-433690M**

**vs**

**Tal-General Co. Ltd - C 24528**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Dicembru 2008, fejn talbet sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elf seba mija wiehed u hamsin euro tmienja u sebghin centezmu (€1,751.78c) rapprezentanti valur ta' danni li hija sofriet fil-vettura taghha tal-marka SEAT Marbella numru ta' registrazzjoni BBE193 minhabba negligenza da parti tas-socjeta konvenuta li dak in-nhar tal-incident naqset li tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega sabiex jigu evitati incident u hsarat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' zewg ittri legali datati 25 ta' Gunju 2008 u 14 ta' Lulju 2008 u bl-imghax legali mid-

data ta’ meta s-socjeta konvenuta giet interpellata ghal hlas sal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 13 ta’ Jannar 2009 fejn ikkontestat it-talba attrici stante li x-xogholijiet gew esegwiti skond kif titlob is-sengha u l-arti u bil-prekawzjonijiet kollha mehtiega u rikjesti skond il-ligi u dejjem skond id-direttivi tal-ADT; Inoltre t-triq fejn kienu qed isiru x-xogholijiet kienet fil-fatt sqaq li kien maghluq ghat-traffiku; u fl-ahhar nett illi d-danni subiti kienu kawzati minhabba n-negligenza da parti tal-istess attrici. Salve eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes kontra l-attrici ngunta in subizzjoni.

Evalwa l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

L-attrici xehdet li dak in-nhar ta’ l-incident hija kienet qieghda ssuq il-vettura taghha sejra lejn ix-xoghol. Maghha kellha riekeb passiggier jismu Carmelo Grech. Kienet ghaddejja minn sqaq il-kubrit Hamrun. Kienet taf li kienu qed isiru xi xogohlijiet fil-wicc tat-triq ghalkemm ma tqieghdu ebda sinjali li jindika tali xoghol. F’nofs it-triq kien hemm tappiera u hija ghaddiet minn fuqha u peress illi din kienet gholja minn wicc it-trieq spiccat biex cartitilha in-naha ta’ taht tal-vettura taghha bil-konsegwenza li garbet il-hsarat mitluba f’din il-kawza. Esebiet ritratti tal-vettura fuq il-post Dok JG1 u JG2 u kif ukoll kopja tar-rapport li ghamlet mal-pulizija Dok JG3. Ix-xoghol fit-triq kien ordnat mill-ADT u skond din l-Awtorita huma kienu nkarikaw lis-socjeta konvenuta ghal dan u difatti iddiregew lill-attrici sabiex tressaq il-pretenzjoni taghha fil-konfront tal-istess socjeta konvenuta kif fil-fatt ghamlet. Ipprovat tikkomunika mas-socjeta konvenuta anke permezz ta’ ittri legali (ukoll esebiti) pero baqghu ma wiegbux u ghalhekk spiccat biex harget l-ispejjes tal-hsarat minn butha nkluz dawk relatati ma karozza tal-kiri. Esebiet ukoll l-ircevuti relattivi tal-

hsarat ghalkemm ma hemmx kontestazzjoni per se fuq il-kwantum tad-danni. Difatti il-konsulent legali tas-socjeta konvenuta ddikjarat fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2009 li ma kienitx qieghda tikkontesta l-awtenticita tal-invoices u ricevuti prezentati mill-attrici.

Carmelo Grech li kien riekeb fil-karozza mal-attrici jikkonferma li fi sqaq il-kubrit ma kien hemm ebda sinjali jew indikazzjoni li kienu qed isiru xi xogholijiet fit-triq pero kif daru ghal gewwa dan l-isqaq innotaw li kienu qed isiru xi xogholijiet f'wicc it-triq. F'hin minnhom hass il-vettura tal-attrici tolqot xi haga ghal kemm vizwalment ma ra xejn – hass biss. Meta nizlu jaraw x'kienu laqtu, nnotaw li kien hiereg iz-zejt tal-makna minn taht il-karozza u li taht il-vettura kien hemm tappiera tal-metall li kienet mghollija aktar gholja mill-livell tat-triq. In kontro-ezami jafferma li x-xogholijiet f'dik it-triq kienu qed jigu esegwiti matula kollha u difatti ha l-impressjoni li kien qed isir xi forma ta' resurfacing ghalkemm f'dak il-hin tal-incident ebda xoghol ma kien qed jigi esercitat. It-triq pero kienet miftuha ghat-traffiku u ma kien hemm ebda barriers jew signs li ma tistax tidhol.

Ghas-socjeta konvenuta xehed biss il-Perit Stephen Buhagiar li kien inkarigat mill-progett f'dak l-isqaq in kwistjoni mill-istess socjeta konvenuta. Jafferma li fiz-zmien tal-incident kien qed jonqos biss li fit-trieq in kwistjoni jigi mqieghed l-ahhar saff ta' asphalt li jkun ta' madwar hames centimetri hxuna. Illi ghalhekk dan ifisser li t-tappiera in kwistjoni kienet xi hames centimetri il-fuq u cio' e` mqabbza l-fuq minn wicc it-triq. Jikkonferma wkoll li stante dan l-istat avvanzat ta' xogholijiet, din it-triq kienet miftuha ghat-traffiku. Tant hu hekk li in kontro-ezami jkompli jafferma li anqas ma kien hemm il-htiega li jitqieghdu xi tabelli ta' avvizi u fil-fatt tali tabelli ma kienx hemm f'dak iz-zmien tal-incident.

Illi ghalhekk mill-assjem tal-provi ghandu jirrizulta li ma hemm ebda kontestazzjoni u jew divergenza fuq il-fatti meritu ta dan il-kaz.

1. Il-vettura tal-attrici soffriet hsarat meta laqtet tappiera li kien hemm fin-nofs tal-isqaq;
2. Illi f'dan l-isqaq kien qed isir xoghol estensiv ta' resurfacing inkluz il-bankini;
3. Illi x-xogholijiet in kwistjoni, ghalkemm fi stadju avvanzat, kienu ghadhom ma tlestewx il-ghaliex kien ghad jonqos l-ahhar saff ta' hames centimetri asphalt;
4. Illi t-tappiera ghalhekk kienet imqabbza l-fuq mill-livell tat-triq b'ta l-anqas hames centimetri
5. Illi nonostante xoghol mhux kompletat din it-triq kienet miftuha ghat-traffiku;
6. Illi ma kien hemm ebda sinjali, tabelli jew xi forma ta' avvizi ohra li jindikaw xogholijiet fit-triq u wisq anqas li kien hemm xi oggett fin-nofs tat-triq (tappiera) li setghet tkun ta' ostakolu u jew periklu ghal vetturi u jew mezz iehor ta' trasport;
7. Illi l-kwantum tad-danni pretizi gew ipprovati soddisfacentement tramite d-dokumenti esebiti li ma gewx kontestati.

Illi in vista tar-rizultanzi hawn fuq indikati, t-Tribunal huwa tal-fehma li l-kuntrattur naqas mill-obbligi tieghu meta halla tappiera mqabbza l-fuq b'tali manjiera minghajr ma ndika xi forma ta' sinjal ghal tali fattur. Dan in-nuqqas mhux biss serva ta' ostakolu ghal vetturi li kienu qed juzaw din it-triq izda seta serva ta' periklu serju ghall-istess traffiku bhal per ezempju billi jaghmlu manuvri istantaneji biex jevitaw tali ostakolu jew ghal forom ohra ta' traffiku li kienu liberi li jghaddu minn hemm bhal per ezempju motorcycles.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta konvenuta kwindi jilqa' t-talbiet attrici kif dedotti u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma mitluba ta' €1,751.78c (elf seba' mija u wiehed u hamsin ewro u tmienja u sebghin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz u bl-ispejjes kollha kif rikjesti a kariku ta' l-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------